# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Seduta mizmuma llum, 5 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru: 4/17 CSH**

**Matthew Montebello**
**Juanita Montebello**

**vs**

**Walter Zammit**
**Nadia Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi fil-10 ta' Jannar 2017 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma komplessiva ta' sebat elef, hames mija u sittin Euro (€7,560) liema somma hija dovuta minnhom skont il-kuntratt ta' self fil-atti tan-Nutar Karen Valletta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April, tas-sena elfejn u sittax (2016), li qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok. A'.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut Walter Zammit gie notifikat permezz tal-affissjoni u cioe' fejn twahlet kopja tar-rikors promotur mar-residenza tal-tieghu, kif muri fir-rikors promotur nhar is-17 ta' Marzu 2017, fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta fl-istess jum skond riferta tal-marixxall John B Dimech (fol. 6 tergo tal-process).

Rat illi r-riferta datata 5 ta' Gunju 2017 li saret fir-rigward tal-konvenuta Nadia Zammit fir-residenza taghha 130, Triq is-Swieqi, Swieqi kienet wahda negattiva bil-kliem '*gone away'*.

Semghet lill-Avukat Dr Sarah Chircop Beck tiddikjara seduta stante nhar it-3 ta' Lulju 2017 li fir-Registru Elettorali ahhar l-indirizz ta' Nadia Zammit jidher l-istess u cioe' 130, Triq is-Swieqi, Swieqi.

Rat li pero' l-istess konvenuta Nadia Zammit u l-konvenut Walter Zammit gew notifikati permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-28 ta' Marzu 2017 (fol.10) u fil-gazzetta lokali l-Orizzont nhar il-21 ta' April 2017 (fol.13).

Rat illi l-konvenuti ma dehrux sabiex iwiegbu ghat-talba attrici u lanqas ma ipprezentaw ir-risposta taghhom ghat-talba attrici.

Rat ghalhekk li t-talba attrici timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant, l-Qorti tiddikjara li qeghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma pretiza minnhom fir-rikors promotur fl-ammont ta' sebat elef, hames mija u sittin Euro (€7,560).**

**Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ukoll jigu sopportati mill-konvenuti in solidum u l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenuti tar-rikors promotur.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**